# PRIMARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002

**Educational Assessment Unit – Education Division**

| IS-6 SENA | RELIĠJON | ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

**ISEM: ____________________________KLASSI: ________________**

## 1. Imla l-vojt bil-kliem li ssib fiċ-ċrieki.

għaref

xemx tarf

ġmiel taf kbir

tempesta tista' titla' Bibbja

a) Il-ħolqien jurina kemm Alla huwa tassew ___________ u _________.



b) Madwarna naraw il-firxa bla _________ tas-sema u l-_________ tal-fjuri u ta' l-annimali.

ċ) Ġob huwa bniedem msemmi fil-_________. Darba Alla deherlu f'_________.

d) Alla ċanfar lil Ġob u qallu: "Lix- _________ min jikmandaha biex _________ filgħodu?"

e) Ġob fetaħ fommu u qal: "Mulej int _________ kollox. Mulej int _________ kollox."



**(10x1 =10 marki)**

## 2. Agħmel sinjal taħt il-kelma li ma taqbilx f'dawn is-sentenzi.

**Eżempju: Avvent, Milied, Diċembru, <u>passjoni</u>.**

**a)** Twelid, Betlem, Kana, Milied.
**b)** Epifanija, inċens, ilma, mirra.
**ċ)** Knisja, kunvent, qaddisa, kattolika.
**d)** San Ġużepp, Pentekoste, Għid il-Ħamsin, l-Ispirtu s-Santu.
**e)** Griżma ta' l-Isqof, balzmu, sagrament, ħolqien.
**f )** Flus, talb, ringrazzjament, tifħir.
**ġ)** Konfessur, tqarbin, qrar, ndiema.
**g)** Pietru, Ġwanni, Żakkarija, Eliżabetta.
**għ)** Mose`, sebgħa, kmandamenti, għaxra.

**(9x1 = 9 marki)**

## 3. Agħmel sentenza b'dawn il-kelmiet.

**Fis-Sagrament tal-Magħmudija:**



**a)** wlied - Insiru - Alla

________________________________

**b)** ta' - Ġesu`- aħwa - Insiru

________________________________

**ċ)** l-Ispirtu s- Santu - tempji - Insiru - ta'

________________________________

**d)** tal-Knisja - membri - Insiru

________________________________

**(4x2 = 8marki)**

4. **Matul is-Sena Liturġika nfakkru l-ġrajjiet li minnhom għadda Ġesu`.**

**Imla l-vojt.**

| | TAQSIMA | LEWN | FESTA | XAHAR |
|---|---|---|---|---|
| a) | Avvent | | Kunċizzjoni | |
| b) | Żmien il-Milied | Abjad | | |
| ċ) | | | San Ġużepp | Marzu |
| c) | | Abjad | Pentekoste | |
| d) | Matul is-sena | Aħdar | | |

**(10x1 =10 marki)**

5. **Il-qaddisin kienu nies bħalna li fittxew li jogħġbu 'l Alla u għamlu sewwa d-dmirijiet tagħhom ta' kuljum.**

**Agħti tliet eżempji kif aħna ukoll nistgħu nogħġbu lil Alla bħal qaddisin.**



a)________________________________________________

________________________________________________

b)________________________________________________

________________________________________________

ċ)________________________________________________

________________________________________________

**(3x3 = 9 marki)**

6. **Il-Festi tal-Parroċċi qegħdin sabiex ningħaqdu aktar flimkien bħala familja waħda fil-knisja ta' Ġesu` fil-belt jew fir-raħal tagħna.**



**Agħti żewġ eżempji biex turi kif għandek iġġib ruħek tajjeb waqt festa tal-patrun jew patruna.**

a)______________________________________________

______________________________________________

b)______________________________________________

______________________________________________

**(2x5 =10 marki)**

7. **Fisser fil-qosor dawn is-siltiet:**

a) **Meta Ġesu` qal lid-dixxipli: "Jekk Alla jieħu ħsieb l-għasafar u l-ġilji kemm aktar jieħu ħsieb tagħkom."**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

b) **Meta Ġesu` qal lil-Lhud: "Dan il-poplu jagħtini qima bix-xofftejn imma l-qalb tiegħu 'l bogħod minni."**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**( 8 marki)**

## 8. Agħmel salib fil-kaxxa t-tajba.

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Is-sena Liturġika fiha | | ħames taqsimiet kbar<br>tliet taqsimiet kbar<br>żewġ taqsimiet kbar |
| b) | Fil-Kredu ta' l-Appostli nistqarru | | l-qawwa tagħna<br>l-fidi tagħna<br>l-imħabba tagħna |
| ċ) | Il-kelma Avvent tfisser | | ferħ<br>tbatija<br>miġja |
| d) | Mikea kien | | Evanġelista<br>Profeta<br>Papa |
| e) | Il-Lhud jagħtu qima 'l Alla | | f'xatt il-baħar<br>fis-suq<br>fis-sinagoga |
| f ) | Illum xogħol l-Appostli jagħmluh | | is-sagristani<br>l-isqfijiet u s-saċerdoti<br>l-abbatini |

(6×2=12 -il marka)

**9. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Roger tifel kemmxejn imqarqaċ fis-sitt sena ta' l-iskola primarja, ried joħroġ ta' raġel quddiem sħabu. Qal li ried ipattiha lil David għax kien seraqlu għaxar 'caps'. L-għada hekk kif David feġġ fil-bitħa ta' l-iskola Roger beda jgħajru kemm jiflaħ. Il-ħbieb ta' Roger infexxew jidħku b'David.**

**a) Għaliex qatt m'għandek tpatti lil min jagħmillek id-deni?**

____________________________________________

____________________________________________

**(2 marki)**

**b) X'seta' għamel Roger minflok pattiha lil David?**

____________________________________________

____________________________________________

**(2 marki)**

**ċ) X'għandna nagħmlu bħala nsara lil min jgħajjarna jew jidħak bina? Għaliex?**

____________________________________________

____________________________________________

**(4 marki)**

**d) Agħti żewġ eżempji ta' kif int tista' tgħin tifel jew tifla li jkunu għadhom kif ġew fil-klassi tiegħek u ma jafu lil ħadd.**

____________________________________________

____________________________________________

**(4 marki)**

## 10. Pawlu fuq il-passi ta' Pietru



**Immaġina li dak inhar li ġie 'l Papa Malta int tellajt l-offerta. Dak il-ħin il-Papa staqsik x'taf fuq il-ġrajja ta' San Pawl. Ikteb hawn taħt sitt sentenzi dwar il-ġrajja ta' San Pawl f'Malta.**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(6x2 =12-il marka)**